IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2022
COM(2022) 698 final

2022/0404 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta’ [xxxx]**
**li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta’ konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta’ derivattivi kklerjati ċentralment**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta hija parti mill-inizjattiva mmirata sabiex tiżgura li l-UE jkollha ekosistema tal-ikklerjar ċentrali sikura, robusta u kompetittiva, sabiex b'hekk tippromwovi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Kontropartijiet ċentrali (CCPs) robusti u sikuri jsaħħu l-fiduċja tas-sistema finanzjarja u jappoġġaw b'mod kruċjali l-likwidità tas-swieq ewlenin. Ekosistema tal-ikklerjar ċentrali sikura, robusta u kompetittiva hija prekundizzjoni għat-tkabbir tagħha stess. L-ekosistema tal-ikklerjar ċentrali tal-UE jenħtieġ li tippermetti lid-ditti tal-UE jiħħeġġjaw ir-riskji tagħhom b'mod effiċjenti u sikur, filwaqt li fl-istess ħin tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja usa'. B'dan il-mod, l-ikklerjar ċentrali se jappoġġa l-ekonomija tal-UE. Ekosistema tal-ikklerjar ċentrali tal-UE, kompetittiva u effiċjenti, se żżid l-attivitajiet tal-ikklerjar, iżda l-ikklerjar jinvolvi wkoll riskji billi jiċċentralizza t-tranżazzjonijiet fi ftit CCPs li jkunu finanzjarjament sistemikament importanti. B'hekk, dawk ir-riskji jridu jiġu ġġestiti b'mod xieraq mis-CCPs u s-CCPs iridu jibqgħu taħt superviżjoni bir-reqqa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak usa' tal-UE.

Barra minn hekk, mill-2017, ġie espress ripetutament tħassib dwar ir-riskji kontinwi għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE li jinħolqu mill-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar f'xi CCPs ta' pajjiżi terzi, notevolment f'xenarju ta' stress. Jistgħu jseħħu avvenimenti ta' riskju għoli iżda bi probabbiltà baxxa, u l-UE trid tkun lesta li tiffaċċjahom[1]. Filwaqt li s-CCPs tal-UE ġeneralment urew li huma reżiljenti matul dawn l-iżviluppi, l-esperjenza wriet li l-ekosistema tal-ikklerjar ċentrali tal-UE tista' tissaħħaħ għall-benefiċċju tal-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, awtonomija strateġika miftuħa tfisser ukoll li l-UE jeħtieġ li tissalvagwardja lilha nnifisha kontra r-riskji tal-istabbiltà finanzjarja li jistgħu jinħolqu meta l-parteċipanti fis-suq tal-UE jkunu jiddependu b'mod eċċessiv fuq entitajiet ta' pajjiżi terzi, minħabba li dan jista' jkun sors ta' vulnerabbiltajiet. Sabiex tingħeleb din is-sitwazzjoni, l-inizjattiva li din il-proposta hija parti minnha tfittex li żżid il-likwidità fis-CCPs tal-UE, tibni l-kapaċità ta' kklerjar ċentrali tal-UE u tnaqqas ir-riskji maħluqa għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE minn skoperturi eċċessivi għal CCPs ta' pajjiżi terzi. Konsegwentement, fost l-oħrajn, hija tirrikjedi li l-parteċipanti kollha fis-suq soġġetti għal obbligu ta' kklerjar iżommu kontijiet attivi fis-CCPs tal-UE għall-ikklerjar ta' mill-anqas ċertu proporzjon mis-servizzi li ġew identifikati mill-ESMA bħala ta' importanza sistemika sostanzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE.

Filwaqt li l-parti l-kbira tal-miżuri leġiżlattivi sabiex jiġi ppromulgat dan il-pakkett jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[2] (EMIR), l-hekk imsejjaħ rieżami tal-"EMIR 3", il-proposta attwali fiha modifiki għad-

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza", COM(2021) 32.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, ĠU L 201, 27.7.2012.

Direttiva 2013/36/UE[3] (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew is-"CRD"), id-Direttiva (UE) 2019/2034[4] (id-Direttiva dwar id-Ditti ta' Investiment jew l-"IFD") u d-Direttiva 2009/65/UE[5] (id-Direttiva dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli jew id-"Direttiva UCITS") li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi tar-rieżami tal-EMIR 3, kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-koerenza. Għalhekk, iż-żewġ proposti jenħtieġ li jinqraw flimkien.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-inizjattiva li din il-proposta hija parti minnha hija relatata u konsistenti ma' politiki oħrajn tal-UE u ma' inizjattivi li għaddejjin li għandhom l-għan li (i) jippromwovu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)[6], (ii) isaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE[7] u (iii) itejbu l-effiċjenza u l-effettività tas-superviżjoni fil-livell tal-UE.

Din il-proposta tintroduċi emendi limitati għas-CRD u għall-IFD sabiex tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet u lid-ditti tal-investiment, rispettivament, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, sabiex jindirizzaw b'mod sistematiku kwalunkwe riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiva li jista' jinħoloq mill-iskoperturi tagħhom għas-CCPs, b'mod partikolari dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li joffru servizzi li l-ESMA ddeterminat li huma ta' importanza sistemika sostanzjali, li jirriflettu l-objettiv ta' politika usa' ta' awtonomija strateġika miftuħa fl-oqsma makroekonomiċi u finanzjarji billi, b'mod partikolari, iżda mhux biss, jiżviluppaw aktar l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju tal-UE u jżidu r-reżiljenza tagħhom. Żieda fl-ikklerjar ċentrali fis-CCPs tal-UE se tikkontribwixxi wkoll għal arranġamenti aktar effiċjenti ta' wara n-negozjar li huma l-pedamenti ta' CMU robusta. Il-proposta temenda wkoll id-Direttiva UCITS sabiex jiġu eliminati l-limiti tar-riskju tal-kontroparti għat-tranżazzjonijiet derivattivi kollha li huma kklerjati ċentralment minn CCP li hija awtorizzata jew rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, sabiex b'hekk jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn id-derivattivi nnegozjati fil-borża u dawk barra l-borża (OTC) u jkunu jirriflettu aħjar in-natura ta' tnaqqis tar-riskju tas-CCPs fit-tranżazzjonijiet ta' derivattivi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva jenħtieġ li titqies fil-kuntest tal-aġenda usa' tal-Kummissjoni sabiex is-swieq tal-UE jsiru aktar sikuri, aktar robusti, aktar effiċjenti u kompetittivi kif irrappreżentati mis-CMU u minn inizjattivi ta' awtonomija strateġika miftuħa. Arranġamenti sikuri, effiċjenti u kompetittivi ta' wara n-negozjar, b'mod partikolari l-ikklerjar ċentrali, huma element essenzjali ta' swieq kapitali robusti. Suq integrat u li jiffunzjona bis-sħiħ għall-kapital se

---

3 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013.

4 Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE, ĠU L 314, 5.12.2019.

5 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (tfassil mill-ġdid), ĠU L 302, 17.11.2009.

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - Pjan ta' azzjoni ġdid", COM(2020) 590.

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza", COM(2021) 32.

jippermetti lill-ekonomija tal-UE tikber b'mod sostenibbli u tkun aktar kompetittiva, f'konformità mal-prijorità strateġika tal-Kummissjoni għal Ekonomija għas-Servizz tan-Nies, iffokata fuq il-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi, għat-tkabbir u għall-investiment.

L-inizjattiva inkwistjoni ma għandha l-ebda impatt dirett u/jew identifikabbli li jwassal għal ħsara sinifikanti jew li jaffettwa l-konsistenza mal-objettivi tan-newtralità klimatika u mal-obbligi li jirriżultaw mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[8].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Is-CRD, l-IFD u d-Direttiva UCITS jistabbilixxu l-qafas regolatorju u superviżorju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, għad-ditti tal-investiment u għall-fond tal-UCITS, rispettivament, li jistgħu jagħmlu użu mis-servizzi offruti mis-CCPs tal-UE u ta' pajjiżi terzi. Il-bażi ġuridika għal dawn id-Direttivi kienet l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) peress li kellhom l-għan jikkoordinaw id-dispożizzjonijiet dwar il-bidu u l-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, tad-ditti tal-investiment u tal-UCITS. Meta jitqies li din l-inizjattiva tipproponi aktar azzjonijiet ta' politika sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu dawn l-objettivi, il-proposta leġiżlattiva relatata tiġi adottata taħt l-istess bażi ġuridika.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta hija parti mill-pakkett leġiżlattiv immirat sabiex isaħħaħ l-attraenza tas-CCPs tal-UE billi jiffaċilita l-kapaċità tas-CCPs tal-UE li jqiegħdu prodotti ġodda fis-suq, filwaqt li jnaqqas il-kostijiet tal-konformità, kif ukoll isaħħaħ is-superviżjoni tas-CCPs tal-UE fil-livell tal-UE. L-azzjoni tal-UE se tindirizza wkoll id-dipendenza eċċessiva tal-UE fuq CCPs tal-Grad 2 ta' pajjiżi terzi sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE. Suq sikur, robust, effiċjenti u kompetittiv għas-servizzi tal-ikklerjar ċentrali jikkontribwixxi għal swieq aktar profondi u aktar likwidi fl-UE u huwa essenzjali għal CMU li tiffunzjona tajjeb.

Din il-proposta temenda b'mod partikolari s-CRD u l-IFD sabiex tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet u lid-ditti tal-investiment, rispettivament, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jindirizzaw b'mod sistematiku kwalunkwe riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiva li jista' jinħoloq mill-iskoperturi tagħhom lejn is-CCPs, b'mod partikolari s-CCPs tal-Grad 2, u jirriflettu l-objettiv usa' ta' politika ta' ekosistema tal-ikklerjar ċentrali aktar sikura, aktar robusta u kompetittiva fl-UE. Il-proposta temenda wkoll id-Direttiva UCITS sabiex jiġu eliminati l-limiti tar-riskju tal-kontroparti għat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi kollha li huma kklerjati ċentralment minn CCP li hija awtorizzata jew rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, sabiex b'hekk jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn id-derivattivi nnegozjati fil-borża u dawk barra l-borża (OTC) u jkunu jirriflettu aħjar in-natura ta' tnaqqis tar-riskju tas-CCPs fit-tranżazzjonijiet ta' derivattivi.

---

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021.

L-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali ma jistgħux jindirizzaw waħedhom ir-riskji sistemiċi ta' CCPs integrati u interkonnessi ħafna li joperaw fuq bażi transfruntiera lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali. Lanqas ma jistgħu jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw minn prattiki superviżorji nazzjonali diverġenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux waħedhom jinċentivaw l-ikklerjar ċentrali fl-UE u jindirizzaw l-ineffiċjenzi tal-qafas għall-kooperazzjoni tas-superviżuri nazzjonali u tal-awtoritajiet tal-UE. Għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjonijiet, dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tintroduċi bidliet limitati fis-CRD, l-IFD u d-Direttiva UCITS sabiex tinkoraġġixxi l-ikklerjar fis-CCPs tal-UE. Il-proposta tqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, billi hija adegwata sabiex tilħaq l-objettivi u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tagħmel dan. Hija kompatibbli mal-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li tqis il-bilanċ it-tajjeb bejn l-interess pubbliku inkwistjoni u l-kosteffiċjenza tal-miżuri proposti. Il-proporzjonalità tal-għażliet ta' politika ppreferuti hija vvalutata aktar fil-Kapitoli 7 u 8 tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' akkumpanjament.

- **Għażla tal-istrument**

Is-CRD, l-IFD u d-Direttiva UCITS huma Direttivi u b'hekk jeħtieġ li jiġu emendati bi strument legali tal-istess natura.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu konsultazzjoni estensiva u involvew firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi korpi tal-UE (il-BĊE, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)), l-Istati Membri, il-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew, is-settur tas-servizzi finanzjarji (banek, fondi tal-pensjonijiet, fondi ta' investiment, kumpaniji tal-assigurazzjoni, eċċ.), kif ukoll korporazzjonijiet mhux finanzjarji sabiex jevalwaw jekk l-EMIR jiżgurax l-istabbiltà finanzjarja tal-UE biżżejjed. Dan il-proċess wera li hemm riskji kontinwi għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE minħabba l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar fi ftit CCPs ta' pajjiżi terzi. Dawn ir-riskji huma partikolarment rilevanti f'xenarju ta' stress.

Madankollu, meta jitqies id-dħul fis-seħħ relattivament reċenti tal-EMIR 2.2 u l-fatt li xi rekwiżiti għadhom ma japplikawx,[9] is-servizzi tal-Kummissjoni jqisu li huwiex xieraq li titħejja evalwazzjoni back-to-back sħiħa tal-qafas kollu. Minflok, ġew identifikati oqsma ewlenin bil-quddiem abbażi tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u tal-analiżi interna (l-elementi rilevanti huma spjegati fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt, li jenfasizzaw l-ineffiċjenzi u l-ineffettività tar-regoli attwali fit-taqsima tad-definizzjoni tal-problemi (it-

[9] Pereżempju, l-istandards tekniċi regolatorji (RTS) dwar il-proċeduri għall-approvazzjoni ta' estensjoni tas-servizzi jew l-approvazzjoni ta' bidliet fil-mudelli tar-riskju skont l-Artikoli 15 u 49 tal-EMIR, rispettivament, għadhom ma ġewx adottati.

Taqsima 3 tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' akkumpanjament dwar id-definizzjoni tal-problemi tispjega fid-dettall l-ineffiċjenzi u l-ineffettività tar-regoli attwali).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati matul il-proċess tat-tħejjija tal-inizjattiva għar-rieżami tal-EMIR, li din il-proposta takkumpanja. B'mod partikolari permezz ta':

- konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni bejn it-8 ta' Frar u t-22 ta' Marzu 2022[10]. Ġie deċiż li l-konsultazzjoni jenħtieġ li tkun immirata minħabba li l-mistoqsijiet iffokaw fuq qasam speċifiku ħafna u pjuttost tekniku. 71 parti kkonċernata wieġbu għall-konsultazzjoni mmirata permezz tal-formola online, filwaqt li ġew sottomessi wkoll xi tweġibiet kunfidenzjali permezz tal-posta elettronika;
- sejħa tal-Kummissjoni għal Evidenza bejn it-8 ta' Frar u t-8 ta' Marzu 2022[11];
- konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tat-trasferiment tad-derivattivi mir-Renju Unit lejn l-UE, fl-ewwel nofs tal-2021, inklużi diversi laqgħat biex jintlaħqu l-partijiet ikkonċernati fi Frar, Marzu u Ġunju 2021;
- laqgħa mal-Membri tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Mejju, kif ukoll laqgħat bilaterali sussegwentement;
- laqgħa mal-esperti tal-Istati Membri fit-30 ta' Marzu 2022, fis-16 ta' Ġunju 2022 u fit-8 ta' Novembru 2022;
- laqgħat tal-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji fit-2 ta' Frar u fis-16 ta' Marzu 2022;
- laqgħat tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fit-18 ta' Frar u fid-29 ta' Marzu 2022;
- laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali riċevuta mingħand firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.

Il-messaġġi ewlenin ta' dan il-proċess konsultattiv kienu:

- Il-ħidma li bdiet fl-2021 uriet li t-titjib tal-attraenza tal-ikklerjar ċentrali, l-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-UE, u l-arranġamenti superviżorji fl-UE se jieħdu ż-żmien.
- Ġew identifikati varjetà ta' miżuri li jistgħu jgħinu sabiex tittejjeb l-attraenza tas-CCPs tal-UE u tal-attivitajiet tal-ikklerjar, kif ukoll sabiex jiġi żgurat li r-riskji tagħhom jiġu ġġestiti u jkunu taħt superviżjoni kif xieraq.
- Dawn il-miżuri mhux biss huma fil-mandat tal-Kummissjoni u tal-koleġiżlaturi, iżda potenzjalment jistgħu jirrikjedu wkoll azzjonijiet mill-BĊE, mill-banek ċentrali nazzjonali, mill-ASE, mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, mis-CCPs u mill-banek.
- Il-konsultazzjoni wriet li l-parteċipanti fis-suq ġeneralment jippreferu approċċ xprunat mis-suq għall-miżuri regolatorji sabiex jimminimizzaw il-kostijiet u sabiex il-parteċipanti fis-suq tal-UE jibqgħu kompetittivi internazzjonalment.

---

10 https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/regulatory-process-financial-services/consultations-banking-and-finance/targeted-consultation-review-central-clearing-framework-eu_en

11 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13378-Derivatives-clearing-Review-of-the-European-Market-Infrastructure-Regulation_mt

- Madankollu, il-miżuri regolatorji ġew appoġġati sa ċertu punt, speċjalment meta jippermettu proċess ta' approvazzjoni aktar mgħaġġel għall-prodotti u s-servizzi l-ġodda tas-CCPs[12].
- Il-miżuri meqjusa utli sabiex tissaħħaħ l-attraenza tas-CCP tal-UE kienu: iż-żamma ta' kont attiv ma' CCP tal-UE, miżuri li jiffaċilitaw l-espansjoni tas-servizzi mis-CCPs tal-UE, it-twessigħ tal-ambitu tal-parteċipanti tal-ikklerjar, l-emendar tar-regoli dwar il-kontabilità għall-iħħeġġjar u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament u l-ġestjoni tal-likwidità għas-CCPs tal-UE.

L-inizjattiva hija magħmula minn żewġ proposti leġiżlattivi li jqisu dan il-feedback tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll il-feedback riċevut permezz ta' laqgħat ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-UE. Hija tintroduċi emendi mmirati għall-EMIR, għar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, għar-Regolament dwar il-Fondi tas-Suq Monetarju, għas-CRD, għall-IFD u għad-Direttiva UCITS immirati lejn:

(a) It-titjib tal-attraenza tas-CCPs tal-UE billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri għat-tnedija tal-prodotti u t-tibdil tal-mudelli u tal-parametri u l-introduzzjoni ta' approvazzjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jew approvazzjoni/rieżami *ex post* għal ċerti bidliet. Dan jippermetti lis-CCPs tal-UE jintroduċu prodotti ġodda u bidliet fil-mudelli aktar malajr, filwaqt li jiżguraw li tingħata attenzzjoni lill-kunsiderazzjonijiet ta' riskju adegwati u mingħajr ma tiġi pperikolata l-istabbiltà finanzjarja u, għalhekk, jagħmlu lis-CCPs tal-UE aktar kompetittivi;

(b) L-inkoraġġiment tal-ikklerjar ċentrali fl-UE sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja billi l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti jintalbu jżommu, direttament jew indirettament, kont attiv fis-CCPs tal-UE, u l-iffaċilitar tal-ikklerjar mill-klijenti se jkunu ta' għajnuna biex titnaqqas l-iskopertura għal CCPs tal-Grad 2 ta' pajjiżi terzi u d-dipendenza eċċessiva fuqhom, għax dan huwa ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE;

(c) It-titjib tal-valutazzjoni u tal-ġestjoni tar-riskju transfruntier: l-iżgurar li l-awtoritajiet fl-UE jkollhom setgħat u informazzjoni adegwati sabiex jimmonitorjaw ir-riskji b'rabta mas-CCPs kemm tal-UE kif ukoll ta' pajjiżi terzi, inkluż billi jsaħħu l-kooperazzjoni superviżorja tagħhom fl-UE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-għarfien espert u d-*data* esterni li ġejjin, inkluż mill-ESMA, mill-BERS u mill-parteċipanti fis-suq finanzjarju, kif ippreżentati fid-dettall fil-proposta għal rieżami tal-EMIR 3 li din il-proposta takkumpanja.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju rrieżamina l-valutazzjoni tal-impatt għall-pakkett leġiżlattiv li din il-proposta hija parti minnu. Fl-14 ta' Settembru 2022, ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, li huwa deskritt fid-dettall fil-proposta għal rieżami tal-EMIR 3, li din il-proposta takkumpanja, irċieva opinjoni pożittiva b'riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju.

[12] Pjuttost l-ebda appoġġ jew appoġġ limitat fir-rigward ta' rekwiżiti kapitali ogħla fis-CRR għal skoperturi għal CCPs tal-Grad 2 mhux tal-UE, miri ta' tnaqqis tal-iskoperturi għal CCPs speċifiċi tal-Grad 2 mhux tal-UE, obbligu ta' kklerjar fl-UE u għodod makroprudenzjali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb l-attraenza tas-CCPs tal-UE, tnaqqas id-dipendenza eċċessiva tal-parteċipanti fis-suq tal-UE fuq is-CCPs tal-Grad 2, tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja tal-UE u ttejjeb l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Bħala tali, u b'mod partikolari l-proposta għal din id-Direttiva li temenda s-CRD, l-IFD u d-Direttiva UCITS mhux qed timmira li tnaqqas il-kostijiet *per se*.

- **Drittijiet fundamentali**

L-UE hija impenjata li tilħaq standards għoljin ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hija firmatarja għal sett wiesa' ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-proposta tirrispetta dawn id-drittijiet, b'mod partikolari d-drittijiet ekonomiċi, kif elenkati fil-konvenzjonijiet ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li hija parti integrali mit-Trattati tal-UE, u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

La l-proposta għal Direttiva li temenda s-CRD, l-IFD u d-Direttiva UCITS u lanqas il-proposta li tirrieżamina l-EMIR li din il-proposta tikkomplementa, kif spjegat fit-Taqsima 8.2.5. tal-valutazzjoni tal-impatt mhu se jkollhom impatt fuq il-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-emendi huma interkonnessi strettament mar-rieżami tal-EMIR 3. Għalhekk, l-arranġamenti jenħtieġ li jitqiesu flimkien ma' dawk previsti taħt dik il-proposta. Il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ se jiġbor id-*data* meħtieġa għall-monitoraġġ tal-metriċi ewlenin (l-użu ta' kontijiet attivi, in-numru ta' kontijiet attivi, il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet ikklerjati permezz ta' kontijiet attivi, il-volum u l-konċentrazzjoni eċċessiva ta' skoperturi lejn tipi differenti ta' CCPs). Dan se jippermetti l-evalwazzjoni futura tal-għodod ta' politika l-ġodda. Il-Proċess ta' Rieżami u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) regolari u l-eżerċizzji ta' ttestjar tal-istress se jgħinu wkoll fil-monitoraġġ tal-impatt tal-miżuri proposti l-ġodda fuq l-istituzzjonijiet u d-ditti ta' investiment affettwati. B'mod partikolari, dan se jippermetti l-valutazzjoni tal-adegwatezza u l-proporzjonalità ta' tali miżuri fil-każ ta' istituzzjonijiet iżgħar u ditti ta' investiment.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma teħtieġx dokumenti ta' spjegazzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħha.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Filwaqt li l-UCITS huma permessi jinvestu kemm f'derivattivi nnegozjati barra l-borża kif ukoll f'derivattivi nnegozjati fil-borża, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52 tad-Direttiva UCITS imponew limiti regolatorji fuq ir-riskju tal-kontroparti biss għal tranżazzjonijiet derivattivi OTC, irrispettivament minn jekk id-derivattivi ġewx ikklerjati ċentralment. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet

ekwi bejn id-derivattivi nnegozjati fil-borża u dawk OTC u tiġi riflessa aħjar in-natura tat-tnaqqis tar-riskju tas-CCPs fit-tranżazzjonijiet tad-derivattivi, l-Artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikolu 52 tad-Direttiva UCITS sabiex jiġu eliminati l-limiti tar-riskju tal-kontroparti għat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi kollha li jiġu kklerjati ċentralment minn CCP li hija awtorizzata jew rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Sabiex jiġi introdott il-kunċett ta' CCP fid-Direttiva UCITS, l-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva UCTIS sabiex jinkludi d-definizzjoni ta' CCP b'kontroreferenza għad-definizzjoni tagħha fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Din id-Direttiva tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda u tipproponi emendi għal diversi Artikoli fid-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew is-CRD) u fid-Direttiva (UE) 2019/2034 (id-Direttiva dwar id-Ditti ta' Investiment jew l-IFD) sabiex tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet u lid-ditti ta' investiment, rispettivament, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jindirizzaw b'mod sistematiku kwalunkwe riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiv li jista' jinħoloq mill-iskoperturi tagħhom għas-CCPs u jirriflettu l-objettiv ta' politika usa' ta' suq aktar sikur, aktar robust, effiċjenti u kompetittiv għas-servizzi tal-ikklerjar ċentrali tal-UE.

L-Artikolu 81 tas-CRD, flimkien mal-Artikolu 104 tas-CRD, diġà jistgħu jintużaw taħt il-qafas attwali sabiex tiġi indirizzata l-konċentrazzjoni eċċessiva ta' skoperturi għas-CCPs.

Madankollu, l-emendi proposti jintroduċu aktar enfasi skont is-CRD fuq ġestjoni adegwata tal-iskoperturi għas-CCPs, u b'hekk jappoġġaw it-tranżizzjoni għal suq aktar sikur, aktar robust, effiċjenti u kompetittiv għas-servizzi tal-ikklerjar ċentrali tal-UE. Huma joħolqu wkoll il-qafas meħtieġ fil-kuntest tal-IFD. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti huma mħeġġa jirrieżaminaw l-allinjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investiment mal-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni jew ix-xejriet ta' tranżizzjoni usa' relatati mal-użu ta' struttura ta' kontijiet attivi skont l-EMIR fuq terminu qasir, medju u twil, sabiex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzaw it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja li jista' jinħoloq mid-dipendenza eċċessiva fuq ċerti CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2).

L-Artikolu 1(1) u (2) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikoli 74 u 76 tas-CRD sabiex l-istituzzjonijiet jintalbu jinkludu r-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq mill-iskoperturi għas-CCPs, b'mod partikolari dawk li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, fl-istrateġiji u l-proċessi tal-istituzzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' kapital intern, kif ukoll governanza interna adegwata. Fl-Artikolu 76 tas-CRD ġiet introdotta wkoll talba sabiex il-korp maniġerjali jiżviluppa pjanijiet konkreti sabiex jiġu indirizzati tali riskji ta' konċentrazzjoni. L-Artikolu 2(1) u (2) jipproponi emendi simili għall-Artikoli 26 u 29 tal-IFD għad-ditti ta' investiment.

Sabiex jappoġġa l-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP), l-Artikolu 1(3) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikolu 81 tas-CRD sabiex jintroduċi rekwiżit għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw u jimmonitorjaw speċifikament il-prattiki tal-istituzzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni tagħhom li jinħoloq minn skoperturi għal

kontropartijiet ċentrali, kif ukoll il-progress li sar mill-istituzzjonijiet sabiex jadattaw għall-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Fl-Artikolu 36 tal-IFD ġie introdott rekwiżit simili għad-ditti ta' investiment permezz tal-Artikolu 2(3) ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 1(4) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikolu 100 tas-CRD li jagħti mandat lill-EBA sabiex toħroġ linji gwida dwar l-inklużjoni uniformi tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq mill-iskoperturi lejn kontropartijiet ċentrali fl-ittestjar tal-istress superviżorju.

L-Artikolu 1(5) ta' din id-Direttiva jemenda l-Artikolu 104 tas-CRD sabiex jiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw speċifikament ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq mill-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għas-CCPs, permezz taż-żieda ta' setgħa superviżorja konkreta sabiex jiġi indirizzat tali riskju. Fil-kuntest tal-Artikolu 39 tal-IFD huma miżjuda dispożizzjonijiet simili għad-ditti ta' investiment permezz tal-Artikolu 2(4) ta' din id-Direttiva.

2022/0404 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' [xxxx]**
**li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit fid-Direttiva 2009/65/UE sett uniformi ta' regoli sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tal-kontroparti fit-tranżazzjonijiet ta' derivattivi mwettqa minn impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), fejn it-tranżazzjonijiet ikunu ġew ikklerjati minn CCP li tkun awtorizzata jew rikonoxxuta skont dak ir-Regolament. Id-Direttiva 2009/65/UE timponi limiti regolatorji fuq ir-riskju tal-kontroparti biss għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC, irrispettivament minn jekk id-derivattivi jkunux ġewx ikklerjati ċentralment. Billi l-arranġamenti tal-ikklerjar ċentrali jtaffu r-riskju tal-kontroparti li huwa inerenti f'kuntratti ta' derivattivi, huwa meħtieġ li jitqies jekk derivattiv ikunx ġie kklerjat ċentralment minn CCP li hija awtorizzata jew rikonoxxuta skont dak ir-Regolament u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn id-derivattivi nnegozjati fil-borża u dawk OTC, meta jiġu ddeterminati l-limiti applikabbli tar-riskju tal-kontroparti. Huwa meħtieġ ukoll, għal finijiet regolatorji u ta' armonizzazzjoni, li l-limiti tar-riskju tal-kontroparti jitneħħew biss meta l-kontropartijiet jużaw CCPs li huma awtorizzati jipprovdu servizzi ta' kklerjar lill-membri tal-ikklerjar u lill-klijenti tagħhom fi Stat Membru jew li huma rikonoxxuti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(2) Sabiex jingħata kontribut għall-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, huwa meħtieġ, għall-użu effiċjenti tas-CCPs, li jiġu indirizzati ċerti impedimenti għall-użu tal-ikklerjar ċentrali fid-Direttiva 2009/65/UE u li jiġu pprovduti kjarifiki fid-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/2034. Id-dipendenza eċċessiva tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni fuq CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-

Grad 2) tista' toħloq tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja li hemm bżonn li jiġi indirizzat kif xieraq. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u jittaffew b'mod adegwat ir-riskji potenzjali ta' kontaġju fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ għalhekk li jiġu introdotti miżuri xierqa sabiex jitrawmu l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq mill-iskoperturi għas-CCPs. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 jiġu emendati sabiex iħeġġu lill-istituzzjonijiet u lid-ditti ta' investiment jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jadattaw il-mudell tan-negozju tagħhom sabiex jiżguraw il-konsistenza mar-rekwiżiti l-ġodda għall-ikklerjar introdotti bir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u sabiex itejbu b'mod ġenerali l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, filwaqt li jqisu wkoll in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-suq tagħhom. Filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti diġà jistgħu jimponu rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji għal riskji li ma humiex koperti jew li ma humiex koperti b'mod adegwat mir-rekwiżiti ta' kapital eżistenti, jenħtieġ li dawn ikunu mgħammra aħjar b'għodod u setgħat addizzjonali u aktar granulari taħt il-Pilastru 2 sabiex ikunu jistgħu jieħdu azzjonijiet xierqa u deċiżivi bbażati fuq il-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet superviżorji tagħhom.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 jiġu emendati kif xieraq.

(4) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżgurar li l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti ta' investiment u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jimmonitorjaw u jimmitigaw b'mod adegwat ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi lejn CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali u l-eliminazzjoni tal-limiti tar-riskju tal-kontroparti għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi li jiġu kklerjati ċentralment minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2009/65/KE**

Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt (u) li ġej:

"(u) 'kontroparti ċentrali' ("CCP") tfisser CCP kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*2].

[*2] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).";

(2) l-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-iskopertura għar-riskju li jkun ġej minn kontroparti tal-UCITS fi tranżazzjoni ta' derivattivi li ma tiġix ikklerjata ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż:";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej"

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limitu ta' 5 % stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għal massimu ta' 10 %. Madankollu, jekk jagħmlu dan, il-valur totali tat-titoli trasferibbli u l-istrumenti tas-suq monetarju miżmuma mill-UCITS fil-korpi emittenti, li f'kull wieħed minnhom tinvesti aktar minn 5 % tal-assi tagħha, ma għandux jaqbeż l-40 % tal-valur tal-assi tagħha. Dik il-limitazzjoni ma għandhiex tapplika għal depożiti jew tranżazzjonijiet ta' derivattivi magħmula ma' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għal superviżjoni prudenzjali.";

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-iskoperturi li jinħolqu minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi li ma jiġux ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament, imwettqa ma' dak il-korp.".

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Direttiva 2013/36/UE**

Id-Direttiva 2013/36/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 74(1), [il-punt (b)] huwa sostitwit b'dan li ġej:

"[(b)] proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li huma jew jistgħu jkunu esposti għalihom f'perjodu ta' żmien qasir, medju u twil, inklużi r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif ukoll ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*1];"

---

[*1] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 76(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni jiżviluppa pjanijiet speċifiċi u miri kwantifikabbli f'konformità mal-proporzjonijiet stabbiliti f'konformità mal-

Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jimmonitorja u jindirizza r-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.";

(3) fl-Artikolu 81, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iżviluppi tal-prattiki tal-istituzzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni tagħhom li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, inklużi l-pjanijiet żviluppati f'konformità mal-Artikolu 76(2) ta' din id-Direttiva, kif ukoll il-progress li sar fl-adattament tal-mudelli tan-negozju tal-istituzzjonijiet għall-objettivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012";

(4) fl-Artikolu 100, jiżdied il-paragrafu [5] li ġej:

"[5]. L-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, b'koordinazzjoni mal-ESMA, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, għandha tiżviluppa linji gwida sabiex tiżgura metodoloġija konsistenti għall-integrazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali fl-ittestjar superviżorju tal-istress.";

(5) l-Artikolu 104(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 97, tal-Artikolu 98(1), il-punt (b), tal-Artikolu 98(4), (5) u (9), tal-Artikolu 101(4) u tal-Artikolu 102 ta' din id-Direttiva u tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mill-anqas is-setgħa li:";

(b) jiżdied il-punt [(n)] li ġej:

"[(n)] jitolbu lill-istituzzjonijiet inaqqsu l-iskoperturi għal kontroparti ċentrali jew jallinjaw mill-ġdid l-iskoperturi fil-kontijiet tal-ikklerjar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiva għal dik il-kontroparti ċentrali.";

*Artikolu 3*

**Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/2034**

Id-Direttiva (UE) 2019/2034 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 26(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li d-ditti ta' investiment huma jew jistgħu jkunu esposti għalihom, jew ir-riskji li huma joħolqu jew li jistgħu joħolqu għal oħrajn, inkluż ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012."

(2) l-Artikolu 29(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) sorsi materjali u effetti tar-riskju ta’ konċentrazzjoni li jinħolqu minn skoperturi lejn kontropartijiet ċentrali u kwalunkwe impatt materjali fuq il-fondi proprji.”;

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali jiżviluppa pjanijiet speċifiċi u miri kwantifikabbli f’konformità mal-proporzjonijiet stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jimmonitorja u jindirizza r-riskju ta’ konċentrazzjoni li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali li joffru servizzi ta’ importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.”;

(3) fl-Artikolu 36(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iżviluppi tal-prattiki tad-ditti ta’ investiment dwar il-ġestjoni tar-riskju ta’ konċentrazzjoni tagħhom li jinħoloq minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, inklużi l-pjanijiet żviluppati f’konformità mal-Artikolu 29(1), il-punt (e), ta’ din id-Direttiva, kif ukoll il-progress li sar fl-adattament tal-mudelli tan-negozju tad-ditti ta’ investiment għall-objettivi ta’ politika rilevanti tal-Unjoni, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.”;

(4) l-Artikolu 39(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 29, il-punt (e), tal-Artikolu 36, tal-Artikolu 37(3) u tal-Artikolu 39 ta’ din id-Direttiva u tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mill-anqas is-setgħa li:”;

(b) jiżdied il-punt (n) li ġej:

“(n) jitolbu lill-istituzzjonijiet inaqqsu l-iskoperturi għal kontroparti ċentrali jew jallinjaw mill-ġdid l-iskoperturi fil-kontijiet tal-ikklerjar tagħhom f’konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju ta’ konċentrazzjoni eċċessiva għal dik il-kontroparti ċentrali.”;

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... [*PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta’ Rieżami tal-EMIR*] l-aktar tard. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*